9 ta' Novembru, 1957

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija *versus* Salvu Muscat**

**Serq — Korrejità**

***Bniedem li joqgħod għassa sakemm bniedem ieħor jikkommetti serq huwa korreu f'dak is-serq; għax il-kunċett ta' korreu ma hux ristrett għal dak biss li kien l-eżekutur dirett tal-att konsumativ, iżda jikkomprendi anki dawk li jippartecipaw b'ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-eżekuzzjoni tar-reat.***

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'H.M. Dockyard, Cospicua, fejn kien impjegat, fiż-17 ta' Lulju 1957, għamel serq ta' fountain pens u kaxxa tas-sigarretti li jiswew anqas minn £3 għad-dannu ta' Joseph Lawton, P.O., u Eric Bridges, P.O. Dan is-serq hu aggravat bil-persuna;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Awissu 1957, li biha sabet lill-imputat ħati, iżda mħabba l-kondotta tajba preċedenti tiegħu, l-età u ċ-ċirkustanzi oħra tal-każ, illiberatu taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi, rettament valutati, u anki attraverso l-inkonsistenzi, inverosimiljanzi u diskrepanzi li waqgħu fihom l-appellant u Fenech, li kien ko-imputat miegħu fl-ewwel istanza, il-Qorti hi soddisfatta li l-appellant kien ko-eżekutur fis-serq, u mhux sempliċi riċettatur. L-appellant, milli jidher, qagħad għassa sakemm l-ieħor jisraq. Għalhekk hu kien korreu; għax il-konċett ta' korreu ma hux ristrett għal dak biss li kien l-eżekutur dirett tal-att konsumativ, imma jikkomprendi anki dawk li jipparteċipaw, b'ko-operazzjoni diretta u essenzjali, għall-eżekuzzjoni tar-reat (Maino, com. art. 63, paġ. 203, para. 325);

Is-sentenza appellata, għalhekk, hi sewwa;

Għalhekk l-appell hu respint u s-sentenza li minnha sar appell tibqa' konfermata.